# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru 15**

**Rikors numru 764/2021/1 AD**

**Dr Peter Gatt**

**v.**

**Malta College of Arts, Science and Technology**
**L-Onorevoli Prim'Ministru,**
**Is-Segretarju Permanenti Matthew Vella fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport,**
**L-Onorevoli Clifton Grima fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport,**
**Il-Professur Joachin James Calleja bħal Prinċipal tal-Malta College for Arts, Science and Technology**
**Philip Vella bħala Deputy Prinċipal tal-Malta College for Arts, Science and Technology**
**Dr Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim'Minstru**
**L-Avukat tal-Istat**

Din hija sentenza dwar appell imressaq minn uħud mill-konvenuti kif ukoll dwar appell inċidentali tal-attur wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2024 li permezz tagħha ddeċidiet fost l-oħrajn (i) li l-konvenuti l-Malta College for Arts, Science and Technology u l-prinċipal tal-istess kulleġġ kienu leġittimi kuntradditturi; (ii) sabet li d-deċiżjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni li permezz tagħha ġie revokat id-*detailing* tal-attur mill-Ministeru għal mal-kulleġġ konvenut saret bi ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (iii) iżda mhux bi ksur tal-Artikolu 469A (1)(a) u/jew (b)(ii) u/jew (b)(iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) ordnat (a) it-tħassir tad-deċiżjoni kommunikata mill-Ministru konvenut lill-attur fis-17 ta' Ġunju, 2021 u (b) li l-attur jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet dik id-deċiżjoni.

**Preliminari.**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Awwissu, 2021 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti) Dr Peter Gatt (l-attur), spjega li fl-1 ta' Settembru 2014 huwa ġie *detailed* mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jippresta servizzi ta' lettur fl-MCAST speċifikament fid-Dipartiment *Building and Construction*, liema servizz beda a bażi ta' kuntratt annwali u li sussegwentement ġie konvertit għal wieħed indefinit. Fisser li huwa ġie assoġġettat għal xhur ta' trattament degradanti, għalkemm kien qiegħed jagħmel xogħlu b'diliġenza. Jgħid

li dan seħħ peress li kien ġab għall-attenzjoni tal-*management* il-kwalità baxxa tas-sillabi li kienu qegħdin jiġu mposti fuqu biex jgħallem. Jgħid li konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' qbil, id-*detailing* tiegħu mal-MCAST ġie revokat. Jippremetti li din l-azzjoni kienet waħda illegali, nulla u mingħajr effett *stante* li kienet bi ksur tar-regolament 5.2.4 tal-*Manual on Resourcing, Policies & Procedures* li jipprovdi li r-revoka tad-*detailing* "*rests within the Prime Minister*". Jgħid li minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' tali regolament, ir-revoka tad-*detailing* ma seħħitx sa dak iż-żmien u għalhekk tħalla jattendi l-kulleġġ mingħajr ma ngħata ebda xogħol x'jagħmel. Jgħid li minkejja deċiżjoni tal-Public Service Commission u minkejja r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, l-MCAST baqa' jippressa bl-aġir arbitrarju tiegħu u permezz ta' ittra tas-17 ta' Ġunju, 2021 mibgħuta lilu mill-Ministeru tal-Edukazzjoni huwa ġie ordnat sabiex b'effett immedjat jibda jirrapporta għax-xogħol ġewwa Pembroke Secondary School. L-attur ippremetta illi d-deċiżjonijiet arbitrarji li ttieħdu mill-konvenuti jew min minnhom ippreġudikat il-karriera twila akkademika tiegħu fil-livell terzjarju u tali deċiżjonijiet mhux biss kienu abbużivi u illegali iżda *ultra vires* peress li huma kienu msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 kif ukoll kienu jiksru il-prinċipji stabbiliti taħt l-Artikoli 41 u 36 tal-Kostituzzjoni.

2. L-attur ressaq dawn it-talbiet:

> "i. Tiddikjara li l-għemil amministrattiv li wasal għar-revoka tad-detailing tar-rikorrenti mill-MCAST għall-Pembroke Secondary School jew skola oħra sekondarja sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a), (b)(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> ii. Tordna t-tħassir tad-deċiżjoni meħuda fis-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u kull att sussegwenti u/jew anċillari għall-istess rigwardanti d-detailing tar-rikorrenti hawn fuq indikata u tordna lir-rikorrenti jerġa' jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni u cioe fil-grad u kundizzjonijiet li kien jeżerċita qabel;
>
> B'riserva għal kull azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 kontra l-intimati."

3. B'risposta ġuramentata tad-9 ta' Settembru, 2021 l-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Dr Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ressqu l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "a. Illi, preliminarjament, in-nullita' ta' dawn il-proċeduri stante li din il-kawża ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> b. Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur irid jindika l-iskop tal-prova tax-xhieda proposti minnu, u dan ai termini ta' l-Artikolu 156(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'terminu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti;
>
> c. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija improponibbli in kwantu l-għemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv ai termini ta' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li l-istess artikolu jeskludi miżuri intenzjonati għall-iskop u organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ġewwa awtorità;

d. Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċepjenti Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, l-Onorevoli Ministru Dr Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u Dr Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru ma humiex il-leġittimi kuntradittturi ta' l-attur;

e. Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u Dr Joyce Cassar m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur;

f. Illi, fil-mertu, mingħajr preġudizzju u subordinatament għall-eċċezzjonijiet imqanqla fil-paragrafi preċedenti, it-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan stante li l-eċċepjenti ma għamlu xejn li għandu jitqies ċensurabbli minn Qorti adita mir-reviżjoni ta' għemil amministrattiv, kuntrarjament għal dak allegat mill-attur;

g. Illi t-tieni talba, kif dedotta, għandha tiġi miċħuda billi ma jwieġbux għaliha l-eċċepjenti kif indikati;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni 915/21/1 FDP."

4. B'<u>risposta ġuramentata</u> tal-<u>10 ta' Settembru, 2021</u> l-Avukat tal-Istat laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

"a. Illi, preliminarjament, in-nullita' ta' dawn il-proċeduri stante li din il-kawża ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija improponibbli in kwantu l-għemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv ai termini ta' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li l-istess artikolu jeskludi miżuri intenzjonati għall-iskop ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ġewwa awtorità;

c. Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċepjenti ma hux il-leġittimu kuntradittur ta' l-attur, u dan stante li l-leġittimita' ta' l-eċċepjenti Avukat ta' l-Istat, kif regolata mill-Artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, trid li l-Avukat ta' l-Iistat jiġi ċċitat fil-ġudizzju biss meta ma jkunx possibbli li jiġi ċitat fil-ġudizzju kap ta' dipartiment, mentri f'dan il-każ, għandu jirriżulta ampjament mir-Rikors Maħluf innifsu li r-rikorrenti indirizza l-kawża kontra diversi kapijiet u esponenti governattivi. L-involviment ta' l-Avukat tal-Istat

kellu jkun biss għal skop ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 181B(2) u ċertament mhux biex jiġi ċitat fil-ġudizzju bħala parti;

d. Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan stante li l-eċċepjenti b'ebda mod ma kien parteċipi ta' kwalunkwe proċess ta' detailing, revoka ta' detailing jew terminazzjoni xort'oħra ta' kwalunkwe impjegat tal-kulleġġ konvenut, iżjed u iżjed ta' l-attur, u ma għamel ebda att jew omissjoni li timmerita reviżjoni u ċensura minn dina l-Onorabbli Qorti;

e. Illi effettivament, l-eċċepjenti ma jistax iwieġeb għat-talbiet attriċi stante li kjarament dawn ma humiex indirizzati lejh, iżda lill-konvenuti Malta College for Arts, Science and Technology (l-ewwel talba) u lejn il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni (it-tieni talba), u lanqas ma jista joffri xi rimedju;

f. Illi fl-agħar ipotesi għalih, l-eċċepjenti ma għandux jiġi ordnat li jħallas l-ispejjeż ta' mandat ta' inibizzjoni li huwa ma kienx parti fih;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż."

5. B'risposta ġuramentata tas-16 ta' Settembru, 2021 il-konvenuti Malta College for Arts, Science and Technology, il-Professur Joachim James Calleja bħala Prinċipal tal-Malta College for Arts, Science and Technology u Philip Vella bħala Deputat Prinċipal tal-Malta College for Arts, Science and Technology laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ressqu l-eċċezzjonijiet segwenti:

"a. Illi preliminarjament, il-Professur Joachim James Calleja bħala Principal tal-Malta College for Arts, Science and Technology u Philip Vella bħala Deputat Principal tal-Malta College for Arts, Science and Technology mhux il-leġittimi kuntradittur u għandhom jiġu liberati mill-ġudizzju u osservanza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi t-talba għar-revoka ta' detailing tar-rikorrenti kienet saret mill-Malta College for Arts, Science and Technology u mhux minnhom, kif ukoll bl-ebda mod ma kellhom x'jaqsmu mad-deċiżjoni finali fir-rigward l-approvazzjoni tar-revoka ta' detailing tar-rikorrenti;

b. Illi preliminarjament, u marbut mas-suespost, il-Malta College for Arts, Science and Technology mhux il-leġittimu kuntradittur stante li

l-kulleġġ ma kellux x'jaqsam mad-deċiżjoni finali fir-rigward l-approvazzjoni tar-revoka ta' detailing tar-rikorrent;

c. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fi dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi fl-ewwel lok, il-Kulleġġ intimat kien għamel it-talba sabiex id-detailing tar-rikorrenti jiġi irrevokat skont l-artikolu 5.2.1 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures u liema fl-aħħar mill-aħħar, tali approvazzjoni għal revokazzjoni taqa' taħt l-Onorevoli Prim Ministru u għalhekk, l-esponenti ma għamlu xejn li għandu jitqies ċensurabbli jew kontra dak espress mil-liġi;

d. Illi mhux minnu illi r-rikorrenti huwa l-unika persuna fl-MCAST li jipposjedi l-kwalifiċi, kompetenza u esperjenza fis-suġġetti li qiegħed jgħallem, u infatti is-suġġetti li kien jgħallem ir-rikorrenti qegħdin jiġu mgħallma minn għalliema kompetenti oħra;

e. Illi l-esponenti jiċħdu kategorikament illi kien hemm trattament degradanti min-naħa tagħhom versu r-rikorrenti meta huwa kien jgħallem taħt il-kappa tal-kulleġġ;

f. Illi l-esponenti dejjem kellhom il-bibien miftuħa għal kwalunkwe tip ta' suġġeriment jew kritika kostruttiva fuq kwalunkwe aspett li jirrigwarda l-Kulleġġ, inkluż il-kwalita' tas-sillabi, u mhux minnu li l-esponenti b'xi mod ivvendikaw kontra r-rikorrenti minħabba xi nuqqas ta' qbil bejniethom;

g. Illi ta' min jgħid illi r-rikorrenti kważi qatt ma mexa mal-proċeduri interni u ta' spiss kien ikollu diversi argumenti mal-kollegi tal-MCAST hekk kif ser jiġi ippruvat;

h. Illi b'referenza għal Dok A anness mar-rikors tar-rikorrenti (għal kull buon fini qed jiġi hawn anness ukoll u mmarkat Dok MCAST1), liema dokument ġie totalment misinterpretat mir-rikorrenti, jidher ċarissimu illi ħadd mill-esponenti ma irrevoka d-detailing tar-rikorrenti unilateralment (fejn it-talba tal-istess rikorrenti hija wkoll indikativa ta' dan), liema akkuża qed tiġi ippuntata speċifikament fuq l-esponenti Professur Joachim James Calleja u fejn tali document kien serva biss bħala forma ta' notifika illi kien bdew il-proċeduri sabiex id-detailing jiġi irrevokat;

i. Illi hekk kif diġa spjegat, kien il-Kulleġġ esponenti li kien għamel talba skont l-artikolu 5.2.1 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures sabiex id-detailing tar-rikorrenti jiġi revokat sabiex il-kwalifiċi u l-kredenzjali tal-istess rikorrenti ikunu jistgħu jiġu utilizzati b'mod aħjar;

j. Illi qabel it-talba għar-revocation of detailing, cioe fid-9 ta' Lulju 2020, il-Kulleġġ esponenti kien beda proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti minħabba numru ta' nuqqasijiet da parti tar-

rikorrenti skont il-parametri u r-regoli tas-Servizz Pubbliku stante li r-rikorrenti huwa uffiċjali pubbliku, liema akkużi potenzjalment iwasslu għat-tkeċċija. Ta' min jirrimarka illi għall-kuntrarju għal dak li qed jgħid ir-rikorrenti u kif ser jiġi spjegat aħjar aktar hawn isfel, dawn il-proċeduri ma kienu bl-ebda mod relatati mat-talba li kien għamel il-Kulleġġ esponenti għar-revocation of detailing tal-istess rikorrenti;

k. Illi l-eżitu tal-imsemmija proċeduri dixxiplinjarji kienu li l-Bord tad-Dixxiplina kostitwit skont ir-regoli tas-Servizz Pubbliku sab lir-rikorrenti ħati tat-tliet akkużi li kienu sarulu mill-Kulleġġ intimat;

l. Illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku appuntat għas-smigħ skond Regolament 23(2) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku nhar 29 ta' April 2021 stante illi l-akkużi potenzjalment iwasslu għat-tkeċċija;

m. Illi wara s-smigħ quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ta' nhar 29 ta' April 2021, il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Onorevoli Prim Ministru l-piena li għandha tiġi imposta, fejn tali rakkomandazzjoni ġiet aċċettata in toto mill-Prim Ministru fejn il-Prim Minsitru ffissa penali ta' ħmistax-il jum utili ta' sospensjoni, liema sospensjoni kellha tapplika bejn it-Tnejn, 21 ta' Ġunju u l-Ġimgħa 9 ta' Lulju 2021, flimkien ma' twissija ta' tkeċċija applikabbli għal erba' (4) snin (hawn annessa u mmarkata bħala Dok MCAST 2);

n. Illi fl-istess waqt fl-14 ta' Ġunju 2021, l-esponenti ġew formalment informati li l-Prim Ministru kien irrevoka d-detailing tar-rikorrenti nhar il-11 ta' Ġunju 2021 u b'hekk ir-rikorrenti ma kellux jibqa' aktar impjegat tal-MCAST iżda kellu jirreverti lura għas-substantiv grade tiegħu taħt il-kappa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni (hawn annessa u mmarkata bħala Dok MCAST 3);

o. Illi l-Ministeru tal-Edukazzjoni informa lill-istess rikorrenti permezz ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 2021 (hawn annessa u mmarkata bħala Dok MCAST4) illi d-detailing tiegħu ġie revokat nhar il-11 ta' Ġunju 2021 u għalhekk ma baqax jifforma parti mill-kulleġġ esponenti, u fl-istess ittra, ir-rikorrenti ġie infurmat illi ser ikun qiegħed jirriverti għas-substantive grade tiegħu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni minn nhar il-21 ta' Ġunju 2021;

p. Salv kwalsiasi eċċezzjonijiet ulterjuri u permessi mil-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni 915/21/1."

6. B'<u>sentenza *in parte*</u> mogħtija fl-14 ta' Jannar, 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

> "i. **<u>Tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet</u>** sollevata mill-Onorevoli Prim'Ministru, s-s-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri, L-Onorevoli Dr Justyne Caruana u Dr Joyce Cassar;
>
> ii. **<u>Tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet</u>** sollevata mis-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri, iżda **<u>tilqa' r-raba u l-ħames eċċezzjonijiet</u>** sollevata mill-Onorevoli Dr Justyne Caruana u Dr Joyce Cassar. Konsegwentement, il-Qorti qiegħda **<u>tillibera lill-Onorevoli Dr Justyne Caruana u Dr Joyce Cassar mill-osservanza tal-ġudizzju</u>**;
>
> iii. **<u>Tilqa' l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet</u>** tal-Avukat tal-Istat u konsegwentement **<u>tillibera lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju</u>**;
>
> iv. **<u>Tordna</u>** l-prosegwiment tal-kawża fil-konfront tal-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-MCAST, il-Profs Joachim James Calleja u Philip Vella."

7. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "63. F'dak li jirrigwarda l-Ministru għall-Edukazzjoni u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi, effettivament, anke jekk ir-revokat tad-detailing tar-rikorrenti ġiet revokata mill-Onorevoli Prim Ministru, l-ittra datata sbatax (17) ta' Ġunju 2011 bid-deċiżjoni sabiex ir-rikorrent jirrapporta għax-xogħol fl-iskola sekondarja f'Pembroke, ġiet mibgħuta lir-rikorrenti mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, hekk kif jindikaw il-contact details fil-footer tal-istess ittra. L-istess jingħad ghall-e-mail datata erbatax (14) ta' Ġunju 2021 fl-istess rigward. In oltre, it-tieni talba tar-rikorrent fir-rikors ġuramentat hija speċifikament sabiex din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tas-sbatax (17) ta' Ġunju 2021 allegatament meħuda mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax bi trankwillità tillibera lill-Ministeru għall-Edukazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju, meta jidher illi dan il-Ministeru kien involut fid-deċiżjoni illi ttieħdu wara li ġie revokat id-detailing tar-rikorrent."

64. Madanakollu, il-Qorti tinnota illi l-**Artikoli 17 (7) u (8) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap 59 tal-Liġijiet ta' Malta)** jistabbilixxu illi [...]

[n oltre, huwa wkoll is-Segretarji Permanenti illi, permezz ta' Strument ta' Delega maħruġ ai termini tal-Artikolu 110 tal-kostituzzjoni u approvat mill-Prim Ministru nhar is-16 ta' Settembru 2015, b'effett mill-1 ta' Frar 2016, kif emendet bi Strument ta' Delega sussegwenti datat 11 ta' Frar 2020, ngħataw is-setgħa u responsabbiltà fuq l-impjieg t'uffiċċjali pubbliċi fil-Ministeru illi fi ħdanu jkunu jaġixxu bħala Segretarji Permanenti;

65. Il-Qorti ma tarax għalfejn għandhom jiġu mħarrka fil-kawża odjerna kemm is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, kif ukoll il-Ministru għall-Edukazzjoni, meta effettivament, fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-liġi: (a) huwa s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni illi għandu jitqies bħala l-kap ta' dipartiment fir-rigward tal-Ministeru għall-Edukazzjoni; (b) huwa s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni illi għandu wkoll jitqies bħala rappreżentant ġuridiku tal-Gvern f'azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt l-attività tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u (c) fl-aħħar mill-aħħar, huwa s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Minsiteru għall-Edukazzjoni illi huwa responsabbli għall-impjieg tal-uffiċċjali pubbliċi impjegati mal-istess Ministeru, u mhux il-Ministru nnifisha. Għaldaqstant, b'applikazzjoni wkoll tad-dettami tal-Artikolu 181B (1) tal-Kap 12 suċċitat, il-Qorti tqis illi filwaqt illi s-Segretarju Permanenti għandu jitqies bħala leġittimu kontradittur u bħala illi għandu relazzjoni ġuridika mal-attur fl-azzjoni ġudizzjarja odjerna, mhux l-istess jista' jingħad għall-Onorevoli Ministru Dr Justyne Caruana, illi ma kellhiex għalfejn tiġi wkoll imħarrka fl-azzjoni ġudizzjarja odjerna;

66. Finalment, f'dak illi jirrigwarda lil Dr Joyce Cassar bħala Segretarju Permanenti tal-People and Standards Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa il-Manual on Resourcing, Policies & Procedures illi minnu esebixxa estratt ir-rikorrent mar-rikors ġuramentat tiegħu, tinnota illi fl-istanzi fejn il-People and Standards Division tilgħab xi rwol fl-ingaġġ jew l-impjieg t'uffiċċjal pubbliku, tali rwol huwa deskritt fl-istess Manual. Hekk, per eżempju, fil-każ ta' trasferimenti t'uffiċċjali pubbliċi minn Ministeru għal ieħor u/jew minn Dipartiment f'Ministeru għal Dipartiment ieħor fl-istess Ministeru, il-manual jistabbilixxi b'mod ċar illi l-Uffiċċju tal-People and Standards Division għandu jiġi informat bit-trasferimenti u tagħti l-aħħar approvazzjoni. Madanakollu, mhux l-istess jista' jingħad għal dak illi jirrigwarda detailing. Kemm l-Artikolu 114 tal-Kap 327 kif ukoll is-sezzjoni illi titkellem dwar detailing fil-Manual surreferit, ma tagħmel l-ebda referenza għal xi approvazzjoni illi trid tingħata mill-Uffiċċju tal-People and Standards Division, iżda tirreferi biss għall-ordni tal-Prim Ministru. Il-Qorti hija tal-fehma illi li kieku kellu l-Uffiċċju tal-People and Standards Division jilgħab xi rwol fil-

proċedura tad-detailing jew ta' trasferiment ta' uffiċċjal pubbliku minn Ministeru għal entita pubblika, sew il-Liġi kif ukoll il-Manual stess, kien jagħmel referenza għal dan il-punt, u / jew jispjega b'mod ċar ir-rwol li tali Uffiċċju jilgħab fil-proċedura. Dan iżda mhux il-każ. Naturalment, huwa konċepibbli illi l-Uffiċċju tal-People and Standards Division ma jilgħab l-ebda rwol deċiżiv f'dan il-qasam meta effettivament huwa l-Prim Ministru, illi huwa entita ogħla mill-Uffiċċju tal-People and Standards Division, illi għandu s-setgħa jirrevoka detailing t'uffiċjal pubbliku. Barra minn hekk, il-Qorti tissenjala wkoll illi r-rikorrent fl-ebda ħin ma ġab xi prova, la dokumentarja, u wisq u wisq anqas viva-voce illi l-Uffiċċju tal-People and Standards Division lagħab xi rwol fil-vertenzi illi dwarhom ġiet intavolata l-azzjoni ġudizzjarja odjerna. In konsiderazzjoni ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma illi Dr Joyce Cassar mhux leġittima kontradittriċi, u lanqas għandha xi relazzjoni ġuridika mal-attur fl-azzjoni odjerna."

8. B'<u>sentenza finali</u> mogħtija fit-<u>30 ta' Mejju, 2024</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

"i. <u>**Tilqa' *in parte***</u> l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kulleġġ MCAST, il-Prof Calleja fil-kwalita' tiegħu ta' Prinċipal u Philip Vella fil-kwalita' tiegħu ta' Deputat Prinċipal, u tiddikjara illi d-Deputat Prinċipal Philip Vella għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi mhux leġittimu kontradittur. Mill-bqija, tiċħad l-istess eċċezzjoni u tiddikjara illi l-Prinċipal Prof Calleja huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna;

ii. <u>**Tiċħad**</u> it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kulleġġ MCAST, u tiddikjara illi l-istess Kulleġġ huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna;

iii. **Tilqa' *in parte*** l-ewwel talba rikorrenti u tiddikjara illi l-għemil amministrattiv illi wassal għar-revoka tad-detailing tar-rikorrent, in kwantu tali għemil amministrattiv ġie attwat mill-Kulleġġ MCAST u l-Prinċipal Prof Calleja u kkonsista fid-deċiżjoni sabiex saret it-talba għar-revoka, sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-bqija <u>**tiċħad**</u> l-istess talba rikorrenti in kwantu l-istess talba saret fid-dawl tal-Artikoli 469A(1)(a) u/jew (b)(ii) u/jew (b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u in kwantu l-istess talba tirrigwarda d-deċiżjoni finali meħuda mill-Onorevoli Prim Ministru u mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni (illum tal-Edukazzjoni u l-iSport) nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju 2021;

iv. <u>**Tilqa'**</u> t-tieni talba rikorrenti u tordna t-tħassir tad-deċiżjoni komunikata lir-rikorrent fis-sbatax (17) ta' Ġunju 2021, u tordna li r-

rikorrent jerġa' jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni, u cioe fil-grad u kundizzjonijiet li kien jeżerċita qabel.

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża u tal-mandat t'inibizzjoni 915/21 FDP jitħallsu mill-Kulleġġ MCAST"

9. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni finali tagħha wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

"**A. <u>Leġittimu Kontradittur</u>**

[...]

55.Il-Qorti tinnota illi dak illi qiegħed jitlob indagat ir-rikorrent huwa fuq żewġ binarji:

**B.** Fl-ewwel lok, huwa qiegħed jitlob illi jiġi indagat l-għemil amministrattiv illi wassal għar-revoka tad-detailing tar-rikorrent. Il-Qorti tifhem illi dak illi qiegħed jitlob ir-rikorrent f'dan l-istadju huwa illi jiġi indagat jekk il-Kulleġġ MCAST u l-Amministrazzjoni tiegħu kinux legalment korretti meta talbu r-revoka tad-detailing tar-rikorrent; u

b. Fit-tieni lok, jekk il-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Sport (minn issa 'l quddiem "is-Segretarju Permanenti") aġixxewx b'mod legali meta rrevokaw l-istess detailing;

Finalment, qiegħed jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni komunikata lilu fis-17 ta' Ġunju 2021 mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport;

56.Għaldaqstant, huwa evidenti illi l-Kulleġġ MCAST huwa leġittimu kontradittur, b'mod partikolari fil-parti illi tirrigwarda l-għemil amministrattiv illi wassal sabiex issir it-talba għar-revoka tad-detailing, bħala l-korp b'personalita' ġuridika u distinta illi fi ħdanha kien impjegat ir-rikorrent. Saħansitra anke f'paragrafu 9 tar-risposta konuntiva, a fol 37 tal-proċess, ġie indikat illi kien il-Kulleġġ illi għamel it-talba skont l-artikolu 5.2.1 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures. Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni sollevata fir-risposta konġuntiva tal-istess tliet intimati għandha tiġi miċħuda;

57.In oltre, imbagħad, skont l-Artikolu 102 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Prinċipal għandu "s-setgħa li jagħmel dawk il-ħatriet meħtieġa ta' uffiċjali u impjegati akkademiċi, tekniċi, jew ta' kull xort'oħra", b'dana għalhekk illi huwa evidenti illi l-istaff jaqa' fil-kompetenza tal-Prinċipal. Saħansitra anke r-rapport anness mal-formola għar-revoka ġie ffirmat mill-istess Prinċipal. Gialadarba l-każ

odjern jirrigwarda r-revoka ta' detailing ta' membru mill-istaff fi ħdan il-Kulleġġ, din il-Qorti tqis illi l-Prinċipal huwa għalhekk leġittimu kontradittur flimkien mal-Kulleġġ, għal dak illi jirrigwarda l-għemil amministrattiv illi wassal sabiex issir it-talba għar-revoka tad-detailing;

58.Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-Viċi-Prinċipal, illi, minkejja illi huwa inkarigat, inter alia, mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, ma jidhirx illi kellu xi sehem fid-deċiżjoni illi ssir it-talba għar-revoka tad-detailing. Kien biss wara illi ġiet approvata t-talba għar-revoka tad-detailing illi l-Viċi-Prinċipal ħa azzjoni, billi bagħat jinforma lir-rikorrent bid-deċiżjoni illi kienet ngħatat;

**B. <u>Kawża fil-Mertu</u>**

[...]

❖ **<u>Dwar l-Artikolu 469A(1)(b)</u>**

[...]

i. ***<u>"(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil;"</u>***

[...]

69.Il-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*, fil-parti illi tistabbilixxi l-proċedura sabiex jiġi revokat detailing ta' uffiċjal pubbliku (5.2: *Recovation of Detailing of Public Officers detailed with Public Entities*), ma ssemmi xejn dwar il-fatt illi r-rikorrent kellu jinstema' qabel tiġi rikjesta revoka għad-*detailing*, jew illi huwa kellu jingħata raġuni għaliex ġie revokat id-detailing tiegħu. Infatti, l-istess *Manual* jgħid biss illi detailing jista' jiġi revokat, "*following a request by the Entity – an entity may, because of particular reasons such as restructuring, request that officers who had been detailed with the entity be revoked and they revert back to the Public Service*";

70.Issa fil-każ odjern, ix-xhud **Leo Bonnici** esebixxa kopja tal-formola illi permezz tagħha ntalbet ir-revoka tad-detailing tar-rikorrent, illi magħha ġie annessa rapport tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Kulleġġ MCAST datat tmintax (18) ta' Ġunju 2020. Dan ir-rapport jinkludi sinteżi ċara tar-raġunijiet illi wasslu sabiex tiġi mitluba r-revoka tad-detailing tar-rikorrent, u ma jirrikjedu l-ebda interpretazzjoni jew spjegazzjoni ulterjuri. In oltre, anke jekk effettivament irriżulta illi d-deċiżjoni komunikata lir-rikorrent fl-għaxra (10) ta' Settembru 2020 mill-Kulleġġ MCAST ma kinitx waħda illi setgħet tiġi attwata stante illi kien għad m'hemmx l-approvazzjoni tal-Prim Ministru, l-istess ittra kienet tispjega b'mod ċar u inekwivoku r-

raġunijiet illi għalihom kienet qiegħda tintalab ir-revoka tad-detailing tar-rikorrent, u cioe l-fatt illi kien ir-rikorrent stess illi ta feedback lill-Kulleġġ fis-sens illi l-units assenjati lilu, fosthom il-unit Understanding Construction Technology and Material Science, ma kinux jaqgħu fil-kompetenza tal-professjoni tiegħu. Ir-raġunijiet mogħtija f'din l-ittra huma press'a poco l-istess raġunijiet elenkati fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, anke jekk id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi forsi kienet kemmxejn aktar dettaljata. Għaldaqstant ir-rikorrent ma jistax jilmenta illi ma ngħatawx lilu raġunijiet illi għalihom il-Kulleġġ talab ir-revoka tad-detailing;

71.In oltre, imbagħad, f'dak illi jirrigwarda d-deċiżjoni tar-revoka nnifisha, il-Qorti rat illi r-rikorrent qed jallega illi effettivament ma kienx il-Prim Ministru illi approva r-revoka, b'dana illi ma ġietx osservata l-ħtieġa proċedurali mandatorja stabbilita fil-Manual suriferit tal-approvazzjoni tal-Prim Ministru sabiex detailing jiġi revokat. Leo Bonnici, Direttur tal-People Resourcing and Compliance fil-People and Standards Division tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jgħid illi lill-Prim Ministru, "Aħna għamilnielu brief intern, u hu jiffirmah." Mistoqsi jekk għandux kopja ta' dan, ix-xhud jgħid, "Dik għalina hija xi ħaġa interna, jiena hemmhekk qed ngħid illi, u hekk qed naħlef hawn, illi ingħatajt l-approvazzjoni skont l-Education Act u skont il-five point two tal-Manual illi t-tnejn jgħidu li hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Prim Ministru biex ikun hemm revoka ta' detailing ta' public officer." Huwa minnu illi r-rikorrent iressaq bħala xhud lil Glenn Micallef, Head of Secretariat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, sabiex jipprova jissostanza l-allegazzjoni tiegħu; madanakollu din il-Qorti nnotat illi l-istess xhud jixhed illi "sa fejn naf jiena, l-uffiċċju tal-Prim Ministru ma kellu x'jaqsam xejn mar-revoka sa fejn kont naf jiena" (emfasi tal-Qorti). Jikkonferma wkoll illi fil-kors tar-responsabbiltajiet ordinarji tiegħu, huwa mhux involut effettivament f'detailing jew revoka ta' detailing, u li hu "ftit li xejn" huwa familjari mal-proċedura ta' revoka ta' detailing. Dan ma jfissirx, iżda, illi huwa qiegħed jikkontradixxi x-xhieda ta' Leo Bonnici, illi jaħdem preċiżament fid-diviżjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru inkarigata b'dan ix-xogħol;

72.In oltre, ir-rikorrent jallega wkoll illi l-fatt illi l-e-mail spedita minn Dr Francis Fabri illi fiha jgħid, "Mexxi" b'rispons għat-talba għar-revoka mgħoddija lilu minn Mary Scicluna fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, jindika illi effettivament kien Fabri illi approva r-revoka tad-detailing, u mhux il-Prim Ministru. Madanakollu, fl-e-mail tagħha Mary Scicluna titlob lil Dr Fabri sabiex jagħti "endorsement of this proposed revocation" (emfasi tal-Qorti), u mhux "approval". Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, l-ordni mogħtija minn Dr Fabri ma tistax titqies bħala deċiżjoni finali tar-revoka tad-detailing tar-rikorrent, kif qed isostni r-rikorrent, iżda sempliċiment bħala endorsement da parti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni illi kienet għadha teħtieġ l-approvazzjoni finali da parti tal-Prim Ministru skont il-proċedura fil-Manual. Infatti, filwaqt illi l-e-mail ta' Dr Fabri hija datata 18 ta'

Settembru 2020, l-ittra illi permezz tagħha r-rikorrent ġie informat illi d-detailing tiegħu kien qed jiġi revokat hija datata 17 ta' Ġunju 2021, u d-deċiżjoni indikata bħala meħuda fil-11 ta' Ġunju 2021, u cioe ferm wara l-iskambju t'e-mails bejn Scicluna u Dr Fabri;

73.Meqjus il-premess, din il-Qorti ma ssibx illi l-għemil amministrattiv illi wassal għar-revoka tad-detailing tar-rikorrent kien kolpit min-nuqqas t'osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji kif sanċit fl-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**ii**. ***<u>"(iii) meta l-għemila amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;"</u>***

ii. "(iii) meta l-għemila amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;"

[...]

78.Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-approvazzjoni tat-talba għal revoka tad-detailing da parti tal-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport, din il-Qorti ma tarax illi kienu irraġonevoli fid-deċiżjoni tagħhom sabiex japprovaw u jendorsjaw rispettivament it-talba għar-revoka tad-detailing. Fuq kollox, ma ġie fl-ebda punt kontestat il-fatt illi, fl-aġir tagħhom, l-Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti sempliċiment imxew fuq l-informazzjoni mogħtija lilhom mill-Kulleġġ, b'dana illi ma ħadux in konsiderazzjoni xi fatturi illi ma kellhomx jittieħdu, u lanqas imxew b'male fede. L-unika punt illi ġie kontestat kien jekk effettivament il-Prim Ministru tax l-approvazzjoni tiegħu, punt illi ġia ġie trattat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Konsegwentement, din il-Qorti ma tarax illi kien hemm xi abbuż ta' setgħa da parti tal-Onorevoli Prim Ministru u/jew tas-Segretarju Permanenti;

79.Fit-tieni lok, f'dak illi ppreċeda l-approvazzjoni għar-revoka, u cioe fl-għemil amministrattiv imwettaq mill-Kulleġġ MCAST u l-Prinċipal fi ħdanu, din il-Qorti rat illi nġabu diversi provi dwar id-diversi diżgwidi illi kien hemm bejn l-Amministrazzjoni tal-Kulleġġ u r-rikorrent tul is-snin, fosthom numru t'affidavits u volumi ta' e-mails skambjati mar-rikorrent. Ir-raġunijiet illi għalihom intalbet ir-revoka tad-detailing tar-rikorrent kienu jinkludu s-segwenti allegazzjonijiet:

a. E-mail mibgħuta lill-Ministru t'Edukazzjoni nhar it-8 t'April 2020 fejn ir-rikorrent stess stqarr illi, "I have no future or prospects at MCAST as a result of political discrimination instituted by a politically-minded and incompetent MCAST management that acts outside the parameters of the law.", interpretata mill-Bord ta'

Gvernaturi bħala ammissjoni illi l-MCAST ma kinitx qed tagħtih l-ispazju sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu;
b. Akkużi foloz dwar l-Amministrazzjoni tal-MCAST da parti tar-rikorrent; c. E-mail illi fiha r-rikorrent kien irrifjuta illi jagħti presentazzjoni ta' unit illi xtaq jintroduċi fil-kors għaliex sostna illi tali informazzjoni kienet "private proprietary information", meta mhux il-każ skont proċedura tal-Kulleġġ;
d. E-mail spedita lill-Inġinier Paul Borg datata 27 t'April 2020, illi fiha r-rikorrent qal illi ma kienx dispost jgħallem nofs unit assenjata lilu, għaliex ma kienx jaqa' fil-kompetenza tal-professjoni tiegħu;
e. E-mail spedita lill-Inġinier Paul Borg datata 4 ta' Mejju 2020, illi fiha qal illi unit illi kien jgħallem hu kellu jkollha l-kriterja t'assessjar mibdula mingħajr ma tiġi osservata l-proċedura stabbilita għal dan l-eżerċizzju;
f. Insistenza da parti tar-rikorrent illi ċertu membri tal-Management u Senior Management tal-Kulleġġ ma kellhomx il-kwalifiki neċessarji sabiex jaqdu r-rwol tagħhom;

80.E-mail oħra illi ma tissemmiex fir-rapport iżda ġiet esebita hija dik spedita lill-Inġinier Paul Borg datata 30 ta' Jannar 2020, fejn ir-rikorrent qal, "The syllabus of the unit you gave me does not make sense to me. As a professional, I cannot lecture on something which does not make sense to me. In the circumstances, you may ask someone else to lecture this unit."

81.Din il-Qorti tfakkar illi dak illi hija obbligata tagħmel f'kawżi ta' din ix-xorta mhuwiex illi tindaga jekk id-deċiżjoni illi ttieħdet, u cioe d-deċiżjoni sabiex issir it-talba għar-revoka tad-detailing, kinitx waħda tajba jew le, iżda jekk sabiex ngħatat tali deċiżjoni tteħidx konsiderazzjoni ta' fatturi illi kienu irrelevanti għall-każ;

82.Din il-Qorti tirrileva illi mill-assjem tal-provi, kif ukoll mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Gvernaturi, hija tikkonkludi illi infatti r-rikorrent għandu raġun in kwantu qed isostni illi kien qiegħed jiġi assoġġettat għal azzjoni punittiva doppja, għaliex kien qed jiġi revokat id-detailing tiegħu over and above il-penali mogħtija mill-Kummissjoni fuq deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina. Filwaqt illi huwa minnu illi jidher illi kien hemm żewġ istanzi fejn ir-rikorrent qal illi xi unit kien imur oltre l-kompetenza professjonali tiegħu, jidher illi l-Kulleġġ ħa l-opportunita' sabiex juża dawn l-istanzi u jitlob ir-revoka tad-detailing a bażi tagħhom. Mill-bqija, iżda, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konsiderazzjonijiet l-oħra meħuda, u cioe l-atteġġjament tar-rikorrent lejn l-istaff u l-Amministrazzjoni u r-rizultanza tar-rikorrent sabiex isegwi proċeduri stabbiliti, ma kellhomx jiġu indirizzati b'talba għar-revoka tad-detailing, iżda bi proċeduri dixxiplinarji, kif jidher illi effettivament saru. Se mai, waħda mill-penali kienet tikkonsisti fi twissija ta' tkeċċija għal erba' snin, penali illi l-Qorti tqis illi kellha sservi ta' deterrent suffiċjenti sabiex ir-rikorrent jaqdi dmiru qua lettur skont il-proċeduri stabbiliti mill-Kulleġġ u b'rispett lejn l-Amministrazzjoni fit-tmexxija;

83.Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa' in parte** l-ewwel talba rikorrenti, u tiddikjara illi l-għemil amministrattiv illi wassal sabiex il-Kulleġġ MCAST u l-Prinċipal Calleja talbu r-revoka tad-detailing tar-rikorrent, kien jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tagħhom għaliex ġie msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Konsegwentement sejra tgħaddi sabiex tiddikjara d-deċiżjoni konsegwenzjali komunikata lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 2021 għandha titqies **nulla u mingħajr effett**."

10. Il-kulleġġ MCAST u l-Professur Joachim James Calleja bħala Prinċipal tal-istess Kulleġġ (minn issa wkoll l-appellanti) appellaw b'rikors intavolat fl-1 ta' Lulju, 2024 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnhom miġjuba, talbu lil din il-Qorti "*tilqa' l-appell tagħhom interpost billi tirrevoka u tħassar is-sentenza datata 30 ta' Mejju 2024, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u dan billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti, tillibera mil-osservanza tal-ġudizzju lill-esponenti l-Professur Joachim James Calleja Bħala Prinċipal tal-Malta College For Arts, Science And Technology u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti appellat*".

11. Il-konvenuti Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni (minn issa 'l quddiem il-konvenuti appellati) ressqu r-risposta tagħhom fid-19 ta' Lulju, 2024, fejn irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

12. L-attur Dr Peter Gatt ressaq risposta fid-9 ta' Awwissu 2024. Talab li l-appell interpost mill-konvenuti kulleġġ MCAST u l-Professur Joachim James Calleja bħala Prinċipal tal-istess Kulleġġ jiġi miċħud.

Flimkien ma' din ir-risposta, l-attur ressaq ukoll appell inċidentali. Għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti

> "(i) Tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni in parte sollevat mill-kulleġġ MCAST u mill-Professur Joachim James Calleja fejn iddikjara illi l-Prinċipal Prof Calleja huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna.
>
> (ii) Tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-Kulleġġ MCAST u ddikjarat illi l-istess Kulleġġ huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna.
>
> (iii) Tikkonfermaha in kwantu laqgħet in parte l-ewwel talba tar-rikorrenti u kkonfermat illi l-għemil amministrattiv illi wassal għar-revoka tad-detailing tar-rikorrenti, in kwantu tali għemil amministrattiv ġie attwati mill-Kulleġġ MCAST u l-Prinċipal Prof Calleja u kkonsista fid-deċiżjoni sabiex saret it-talba għar-revoka, sar bi ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (iii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> (iv) Tikkonfermaha in kwantu laqgħet it-tieni talba tar-rikorrenti u ordnat it-tħassir tad-deċiżjoni ikkomunikata lir-rikorrenti fis-sbatax (17) ta' Ġunju 2021 fejn ordnat ukoll sabiex ir-rikorrenti jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni, u ċioè fil-grad u kundizzjonijiet li kien jeżerċita qabel
>
> (v) Tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Onorevoli Prim Ministru u mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni saru bi ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (ii) u 469A (1) (b) (iii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk huma applikabbli s-sanzjonijiet kollha stabbilit il-Liġi.
>
> (vi) Tirriforma s-sentenza appellata u tordna illi l-għemil amministrattiv tal-Kulleġġ MCAST u l-Professur Joachim James Calleja sar ukoll bi ksur tal-Artikolu 469A (b) (ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> (vii) Tirriforma s-sentenza appellata u tordna illi l-appellat Philip Vella bħala Viċi-Kap tal-Kulleġġ MCAST huwa leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u sussegwentement tipproċedi sabiex tordna illi l-għemil amministrattiv tiegħu sar ukoll bi ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (ii) u 469A (1)(b)(iii) tal-Kap, 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> (viii) Fiċ-ċirkostanzi u f'każ li jintlaqa' dan l-appell jew parti minnu, tordna sabiex l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jinqasmu bejn l-appellati kollha u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni."

13. Il-konvenuti Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni ressqu r-risposta tagħhom għall-appell inċidentali ta’ Dr Peter Gatt fis-6 ta’ Settembru, 2024, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu li l-appell inċidentali interpost mill-attur jiġi miċħud.

14. Il-konvenuti Malta College for Arts, Science and Technology u Philip Vella bħala deputat Prinċipal tal-Malta College for Arts, Science and Technology ressqu r-risposta tagħhom għall-appell inċidentali ta’ Dr Peter Gatt fil-11 ta’ Settembru, 2024. Għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu li l-appell inċidentali interpost mill-attur jiġi miċħud.

15. Il-konvenut Professur Joachim James Calleja bħala Prinċipal tal-Malta College for Arts, Science and Technology ressaq ir-risposta tiegħu għall-appell inċidentali ta’ Dr Peter Gatt fit-13 ta’ Settembru, 2024, fejn oppona għall-appell inċidentali interpost mill-attur.

16. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m’hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b’hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

## L-Appell prinċipali

### L-Ewwel Aggravju tal-Kulleġġ u tal-Professur Joachim James Calleja bħala Prinċipal tal-Kulleġġ – Professur Calleja mhux leġittimu kontradittur

17. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jissottomettu illi d-*detailing* tal-attur kien mal-Kulleġġ konvenut u mhux mal-Professur Calleja bħala prinċipal tal-Kulleġġ. Jisħqu illi t-talba lill-Gvern għar-revoka tad-*detailing* tal-attur mal-Kulleġġ saret mill-Kulleġġ u li kull dokument iffirmata mill-Professur Calleja marbut mar-revoka tad-*detailing* sar fil-kapaċità tiegħu ta' rappreżentant tal-Kulleġġ. Iżidu jgħidu illi l-Ewwel Qorti laqgħet dik il-parti mit-talbiet attriċi msejsa fuq l-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi espressament illi l-għemil amministrattiv huwa null, invalidu jew mingħajr effett meta "awtorità pubblika" tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil. Jisħqu illi l-Professur Calleja, fil-vesti tiegħu ta' prinċipal tal-Kulleġġ, mhux "awtorità pubblika" fit-termini tal-Artikolu 469A u li għalhekk qatt ma seta' jkun imputabbli ta' tali ksur. Jinsistu illi r-relazzjoni ġuridika marbut ma' dak li talab l-attur kienet bejn l-attur u l-Kulleġġ konvenut u li għalhekk kien hemm raġunijiet sabiex l-Ewwel

Qorti tilqa' l-eċċezzjoni li l-Professur Calleja ma kienx il-leġittimu kontradittur.

18. L-attur appellat jibda l-oppożizzjoni tiegħu għal dan l-appell billi jsostni li bil-mod kif għamlu t-talba tagħhom lil din il-Qorti, l-appell tal-Kulleġġ u tal-Professur Calleja huwa null. Jissottometti illi l-appellanti talbu lil din il-Qorti "tirrevoka u tħassar" is-sentenza appellata, tillibera lill-Professur Calleja mill-osservanza tal-ġudizzju u tiċħad it-talbiet tal-attur. Imma naqsu milli jitolbu l-konferma tas-sentenza tal-Ewwel Qorti safejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-appellati u tirriforma s-sentenza appellata "u mhux tirrevoka u tħassar is-sentenza kollha ladarba hemm partijiet minnhom fejn l-appellati qed jitolbu konferma ta' ċertu eċċezzjonijiet tagħhom li ġia ġew milqugħin". Jgħid li l-appellanti naqsu milli jimxu ma' dak provdut bl-Artikolu 143 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk huwa null.

19. Ikompli jissottometti illi b'mod ġenerali l-lanjanzi tal-appellanti huma kollha msejsa fuq konsiderazzjonijiet u l-apprezzament fattwali li għamlet l-Ewwel Qorti u li għalhekk huma inammissibbli u improponibbli.

20. Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanti, l-attur appellat jgħid illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-konvenut, il-

Professur Joachim Calleja, huwa leġittimu kontradittur. Isemmi illi kif żammet l-Ewwel Qorti, skont Artikolu 102 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) il-Prinċipal għandu s-setgħa li jagħmel dawk il-ħatriet meħtieġa ta' "uffiċċjali u impjegati akkademiċi, tekniċi jew ta' kull xort' oħra" Jgħid illi l-konvenut Calleja ma jistax jgħid illi ma kienx parteċipi meta ttieħdet id-deċiżjoni minnu għan-nom tal-Kulleġġ sabiex jiġi revokat id-*detailing* tal-attur. Iżid jgħid illi kien il-Professur Calleja li bagħat l-ittra għan-nom tal-Kulleġġ lill-Ministeru konċernat meta kien konsapevoli li l-appellat kien ġia soġġett għall-passi dixxiplinarji quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Jissottometti li dan juri *mala fede* da parti tal-Professur Calleja, kif skont l-attur turi *mala fede* wkoll il-fatt li meta l-Professur Calleja kiteb l-ittra sabiex jiġi revokat id-*detailing* tal-attur huwa kiteb li l-*units* mgħallma mill-attur, li huwa ġeologu bħala professjoni, għandhom jiġu mgħallma minn professjoni oħra u li l-Kulleġġ ma kellux bżonn ġeologi. Iżid jgħid l-Professur Calleja, bħala Prinċipal tal-Kulleġġ, kellu l-kompetenza jew il-mansjoni jitlob ir-revoka ta' *detailing* ta' impjegat.

21. Dwar l-aggravju li l-Professur Calleja mhux "awtorità pubblika", jgħid li din hija eċċezzjoni ġdida li ma tiffigurax fl-eċċezzjonijiet li l-Professur Calleja ressaq quddiem l-Ewwel Qorti u li konsegwentement bħala eċċezzjoni ġdida fi stadju ta' appell hija bi vjolazzjoni tal-Artikolu 728 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat;

22. Dwar il-preġudizzjali tal-attur appellat li l-appell tal-Kulleġġ u tal-Professur Calleja huwa null minħabba l-mod kif ġew imressqa t-talbiet fir-rikors tal-appell tagħhom, tajjeb naraw effettivament x'talbu l-konvenuti appellanti:

> "*tilqa' l-appell tagħhom interpost billi tirrevoka u tħassar is-sentenza datata 30 ta' Mejju 2024, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u dan billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti, tillibera mil-osservanza tal-ġudizzju lill-esponenti l-Professur Joachim James Calleja Bħala Prinċipal tal-Malta College For Arts, Science And Technology u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti appellat*".

23. Huwa minnu kif jgħid l-attur appellat, li ġialadarba l-appellanti mhux jappellaw mis-sentenza appellata in kwantu ċaħdet it-talbiet attriċi msejsa fuq Artikolu 469A(1)(a) u/jew (b)(ii) u/jew (b)(iv) tal-Kap. 12, l-appellanti messhom talbu varjazzjoni tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka u t-tħassir tagħha. Iżda, fl-istess nifs, l-appellanti jitolbu wkoll li din il-Qorti "tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti". Huwa evidenti li l-appellanti ma humiex jappellaw minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti laqgħet parzjalment l-eċċezzjonijiet tagħhom. Tqis illi kien *lapsus* da parti tal-appellanti li minflok varjazzjoni talbu t-tħassir. Tqis ukoll li dan l-iżball ma rreka l-ebda preġudizzju lill-attur appellat li fehem sew li l-appell kien indirizzat lejn dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti safejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u mhux fejn laqgħathom.

24. Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi *inter alia* illi Qorti fi grad ta' appell tista' tordna f'kull żmien sas-sentenza li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata. (Art. 175 (2)). **Tqis li jirriżultaw l-estremi sabiex bis-saħħa tal-Artikolu 175 (2) tal-Kap. 12 tordna korrezzjoni fir-rikors tal-appell fis-sens illi l-kliem "tirrevoka u tħassar" jiġu mħassra u sostitwiti bil-kelma "tvarja".**

25. Għal dak li jirrigwardja l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti li l-Professur Calleja mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi l-eżami li kien meħtieġ tagħmel l-Ewwel Qorti kien li tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna mħarrka kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li twassal biex inħolqu r-rabtiet jew effetti fuq il-parti mħarrka illi kellha twieġeb għalihom. Kif inżamm minn din il-Qorti fis-sentenza **Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura et.** mogtħija fis-6 ta' Jannar 2020:

> «Illi biex tirnexxi d-difiża li l-parti mħarrka f'kawża mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-parti attriċi, jeħtieġ li jintwera li ma jkunx hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet, kemm jekk dan ikun wieħed mibni fuq rabta kuntrattwali jew mod ieħor. Għalkemm dan jista' jidher li jitlob mill-eċċipjenti l-prova ta' fatt negattiv, mhuwiex il-każ għaliex in-nuqqas ta' rabta ġuridika tal-parti mħarrka tista' tintwera bi provi (kemm orali u kif ukoll dokumentali) li juru s-swaba' lejn ħaddieħor li ma jkunx il-parti li teċepixxi li mhix il-kontradittriċi

> leġittima tal-azzjoni attriċi. Imbagħad, jaqa' fuq il-parti attriċi li tiġġustifika għaliex, minkejja dawk il-provi, xorta waħda l-parti eċċipjenti jmissha titqies bħala l-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni.»

26. L-Ewwel Qorti mhux biss ikkonkludiet li l-konvenut Professur Calleja huwa leġittimu kontradittur iżda qieset ukoll li kien responsabbli għad-deċiżjoni li kienet qiegħda tħassar.

27. **Artikolu 102 tal-Kapitolu 327, Att dwar l-Edukazzjoni**, liema artikolu jaqa' proprju taħt it-Taqsima VIII li tirregola il-Kulleġġ appellant, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija kif inkorporat bl-Artikolu 86, jistabbilixxi s-setgħat tal-Prinċipal. Fost is-setgħat lilu mogħtija hemm is-segwenti:

> "(2) [...] s-setgħa meħtieġa għat-tmexxija u għall-amministrazzjoni tal-Kulleġġ, inkluża s-setgħa li jagħmel dawk il-ħatriet meħtieġa ta' uffiċjali u impjegati akkademiċi, tekniċi, jew ta' kull xort'oħra[1], għal dak il-perjodu, taħt dawk il-kondizzjonijiet u skont proċeduri stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi, kif ukoll li jiddeċiedi fuq kull ħaġa urġenti ta' xorta edukattiva jew xort'oħra"

Kif ukoll li;

> "(3) [...] jeżerċita l-awtorità u l-kontroll fuq l-għalliema, l-eżaminaturi, l-istudenti, il-kandidati għall-eżamijiet, l-impjegati tal-Kulleġġ, u fuq kull min jiġi inkarigat jagħti xi servizz lill-Kulleġġ, u jżomm id-dixxiplina u jieħu ħsieb li jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet tal-Att, tal-Istatut tal-Istituti, ordinamenti u regoli oħra magħmulin mill-korpi kompetenti tal-Kulleġġ."

[1] **Artikolu 109 (3) tal-istess Att** jipprovdi fil-fatt li "*Ħatra għal post bi dmirijiet formali ta' tagħlim u, jew riċerka ssir mill-Prinċipal u tiġi konfermata mill-Bord tal-Gvernaturi*."

28. Qabel ma l-attur beda jaqdi s-servizzi tiegħu bħala lettur ġewwa l-Kulleġġ huwa kien ġia uffiċjal pubbliku fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Fis-sena 2014 l-Uffiċju tal-Prim Ministru ddeċieda li l-attur jiġi trasferit (*detailed*) għal mal-Kulleġġ konvenut bħala lettur, b'kuntratt li jiġġedded kull sena. Jgħid hekk fl-affidavit tiegħu l-attur[2]:

> "Illi l-ewwelnett jiena ili impjegat mal-Ministeru tal-Edukazzjoni minn 1995. .... Minn 1996 bdejt naħdem mal-MOE bħala ġeoloġista tal-Public Works (on loan) u domt hemmhekk sat-2003. Mit-2003 kont ukoll on loan mal-Malta Centre of Restoration bħala lettur u fl-istess ħin kont lettur l-Universita' fi ħdan id-Dipartiment tal-Inġinerija Ċivili. Fl-2013 bdejt naħdem bħala lettur fuq bażi part-time mal-MCAST mbagħad fil-2014 ġejt detailed full-time mal-istess kulleġġ, u dan kif muri mill-employment history tiegħi hawn anness u mmarkat bħala Dok I."

29. Skont Dok. I rilaxxjat minn Jobplus, jirriżulta wkoll li bejn it-3 ta' Awwissu 2017 u t-30 ta' April, 2021 l-attur kien impjegat b'kuntratt *full-time* bħala konsulent ("*advisor*") fl-Uffiċju tal-Prim'Ministru filwaqt li mill-1 ta' Settembru 2014 sad-data li nħareġ mill-Jobplus id-dokument bl-istorja tal-impieg tal-attur *ie*. it-8 ta' Ottubru, 2021, l-attur huwa reġistrat bħala mpjegat *full-time* (Senior Lecturer II) mal-Kulleġġ konvenut.

30. L-attur talab li l-għemil amministrattiv li wassal għar-revoka tad-*detailing* tiegħu mal-MCAST jiġi dikjarat li sar bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u li l-Qorti tħassar id-deċiżjoni meħuda fis-17 ta' Ġunju 2021 mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u kull att sussegwenti u/jew anċillari u

[2] Fol. 140 et. seq.

tordna li l-attur jiġi rientigrat fl-istat li kien qabel ma d-*detailing* tiegħu mal-MCAST ġie revokat.

31. L-attur ma ġiex impjegat mill-MCAST. Bħala uffiċjali ġia fis-servizz pubbliku, preċiżament mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, ġie assenjat (“*detailed*”) bħala lettur mal-MCAST. L-attur kien u baqa’ uffiċjal fis-servizz pubbliku fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni tant li meta d-*detailing* ġie revokat mill-Uffiċju tal-Prim’Ministru, l-attur ingħata struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u mhux mill-MCAST fejn għandu jibda jaqdi d-doveri tiegħu bħala uffiċjali pubbliku.

32. Skont il-<u>Manwal dwar “Resourcing, Policies & Procedures” tas-Servizz Pubbliku</u>, senjatament kapitolu 5 intitolat “Detailing of Public Officers for Duty with Public Entities”, huwa stipulat li “The Prime Minister may direct that a public officer is to be ‘detailed’ for duty with a public entity” (Regolament 5.1.1). Jipprovdu wkoll illi: “By virtue of their public officer status during the period of detailing they will retain their right to apply for calls for applications open to public officers”; “They will have their service with the entity reckoned as service with Government for the purposes of increments, promotion and progression......”; “They shall be under the administrative authority and control of the entity but any disciplinary action instituted against them

will be taken in terms of the standing Disciplinary Regulations" applikabbli għall-uffiċjali mas-servizz pubbliku.

33. B'ittra tas-17 ta' Ġunju, 2021 id-Direttur tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni nforma lill-attur illi d-*detailing* tiegħu mal-MCAST kien ġie revokat b'effett mill-11 ta' Ġunju, 2021 u li għandu jibda jirrapporta għax-xogħol ġewwa l-Iskola Sekondarja f'Pembroke. Id-*detailing* ġie revokat wara li l-Ministeru tal-Edukazzjoni ġab l-approvazzjoni tal-Uffiċju tal-Prim'Ministru.[3] Jirriżulta li filwaqt li kien f'Settembru tas-sena 2020 li l-Ministeru tal-Edukazzjoni talab l-approvazzjoni tal-Uffiċju tal-Prim Ministeru sabiex id-*detailing* tal-attur mal-MCAST jiġi terminat; kien biss f'Ġunju 2021 li tali approvazzjoni ġiet mill-Uffiċju tal-Prim'Ministru. Kif ser naraw, dik l-approvazzjoni waslet wara li l-attur instab ħati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar numru ta' akkużi marbuta mal-ħidma tiegħu fl-MCAST u ġie sanzjonat.

34. Skont Regolament 5.2.1 "It may be necessary for public officers who have been detailed with public entities to have their detailing revoked in order that they may resume duties within the Public Service. This may result ... following a request by the Entity because of particular reasons such as restructuring...". Dan ir-regolament jipprovdi

[3] Ara xhieda ta' Leo Bonniċi mis-sezzjoni fl-Uffiċju tal-Prim Ministru responsabbli ma' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' detailing ta' uffiċjali fis-servizz pubbliku.

kjarament illi l-entità pubblika li magħha jkun *detailed* l-uffiċjali pubbliku m'għandiex is-setgħa li tittermina d-*detailing* imma tista' biss tagħmel talba lill-Gvern. Finalment ir-regolamenti relativi jipprovdu illi "Approval for the revocation of detailing of public officers rests with the Prim Minister".

35. Dwar l-aggravju tal-appellant Professur James Calleja li huwa ma setax jinstab responsabbli ta' ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) għaliex huwa aġixxa fil-vesti tiegħu ta' Prinċipal għan-nom tal-Kulleġġ din il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.

36. Skont l-Att dwar l-Edukazzjoni "Il-Kulleġġ huwa korp magħqud li jkollu personalità ġuridika u distinta u li jkun jista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jagħmel kuntratti, jikseb, iżomm u jiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, jew li jħarrek jew li jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att" (Art. 87 (1)). Jipprovdi wkoll illi r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Kulleġġ tvesti fil-Prinċipal (Art. 87 (2)).

37. Huwa minnu li kien il-konvenut Calleja li talab lill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex id-*detailing* tal-attur mal-Kulleġġ jiġi revokat. Imma

huwa daqstant ieħor minnu li tali talba saret f'isem l-entità pubblika li magħha ġie *detailed* l-attur. L-attur ħarrek sew lill-MCAST kif ukoll lill-Professur Calleja bħala prinċipal tal-istess. Mill-atti jirriżulta li l-Professur Calleja dejjem aġixxa fil-konfront tal-attur bħala rappreżentant tal-MCAST u għalhekk it-talba lill-Gvern sabiex id-*detailing* tal-attur mal-MCAST jiġi revokat saret mill-konvenut Calleja għan-nom tal-Kulleġġ *qua* entità pubblika. Fil-vesti tiegħu ta' prinċipal il-konvenut Calleja dejjem aġixxa bħala rappreżentant tal-Kulleġġ u għalhekk ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-Professur Calleja personalment u l-attur. Billi l-attur għażel li fl-okkju tal-kawża minnu istitwita iniżżel il-kliem "bħala Prinċipal ..." wara isem u l-kunjom il-konvenut Calleja ma jnaqqsu xejn mill-fatt li Calleja tħarrek personalment u mhux in rappreżentanza tal-MCAST.

**38. Tqis għalhekk dan l-ewwel aggravju fondat. Konsegwentement qed tvarja s-sentenza appellata billi tħassar dik il-parti fejn sabet lill-konvenut Calleja leġittimu kontradittur, tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu li mhux leġittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**It-Tieni Aggravju – apprezzament ħażin tal-provi u applikazzjoni ħażina tal-liġi.**

39. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-Kulleġġ appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Ikompli jgħid li mill-provi joħroġ illi ma kienx hemm nuqqasijiet ta' osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil. Jgħid illi l-Ewwel Qorti nterpretat b'mod żbaljat "illi r-rikorrent appellat kien qiegħed jiġi assoġġettat għal azzjoni punittiva doppja" peress li filwaqt li d-*detailing* kien qed jiġi revokat, l-attur ingħata penali mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina. Jgħid li l-proċeduri ta' dixxiplina u r-revoka ta' *detailing* huma żewġ xenarji indipendenti minn xulxin. Isemmi kif il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet sabet lill-attur ħati tal-akkużi mressqa kontra tiegħu u kkundannatu għal sospensjoni mill-impjieg mingħajr paga għal ħmistax-il ġurnata u twissija ta' tkeċċija valida għal erba' (4) snin. L-MCAST tgħid li dawk il-proċeduri ta' dixxiplina kienu jirrigwardjaw numru ta' inċidenti marbuta mal-post tax-xogħol li kienu jirrigwardjaw *unit* ta' tagħlim partikolari mentri l-proċedura ta' revoka tad-*detailing* tal-attur "kienet ibbażata fuq binajru ieħor apparti l-istanzi ta' insubordinazzjoni tar-rikorrent appellant, hekk kif jixhed ċar id-dokument JC16" ċjoè li l-Kulleġġ kellu bżonn letturi aktar speċjalizzati biex jgħallmu ċertu suġġetti li kienu jmorru lil hinn mill-kompetenza professjonali tal-attur.

40. L-attur appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid illi ż-żewġ proċeduri ġew skattati "fuq l-istess allegat komportament tal-appellat". Jgħid illi meta l-Kulleġġ ra li ma rnexxilux jittermina l-impieg tal-attur permezz tal-proċedura ta' dixxiplina, "immedjetament u pressa poco l-istess żmien, intavolat proċeduri ġodda sabiex jittermina d-detailing, fuq l-istess raġunijiet". Isemmi illi kien fl-4 ta' Ġunju, 2021 li l-Bord ta' Dixxiplina ddeċieda li l-attur ikun sospiż bla paga għal ġimgħatejn bi twissija ta' tkeċċija valida għal erbgħa snin u li kien biss ġimgħatejn wara, fil-21 ta' Ġunju, 2024, li d-*detailing* tiegħu ġie revokat.

Ikkunsidrat;

41. Kif rajna f'dan l-aggravju, l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata wara li naqset milli tagħmel apprezzament tal-provi b'mod korrett u saret applikazzjoni ħażina tal-liġi.

42. Jibda biex jingħad li hija ġurisprudenza assodata illi filwaqt li din il-Qorti tgawdi awtonomija meta tiġi sabiex tgħarbel il-provi in atti, fl-istess ħin ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti sakemm ma jirriżultax li jkun sar apprezzament irraġjonevoli jew kontradittorju. (Ara **Avv. Dr Luigi Sansone nomine v. Strabuono Coffee International Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede

Superjuri) fit-12 ta' Jannar, 2023; **Jason Desira et v. Antoine Delicata et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Marzu, 2023).

43. Hi regola daqstant ieħor assodata illi din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad, jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli jew jinsab kontradett mill-fatti riżultanti mill-proċess (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' fl-ismijiet **Josephine Agius v. Piju Theuma** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 ta' Jannar, 2018). Huwa *ben* stabbilit fil-ġurisprudenza li qorti ta' reviżjoni mhijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Ingħad ukoll illi *"[...] aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*" (ara **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Prim Ministru Dr. Joseph**

**Muscat et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-14 ta' Diċembru, 2018).[4]

44. Taħt dan l-aggravju, l-appellanti fissru li l-allegat żball fl-applikazzjoni tal-liġi u apprezzament ħażin tal-provi mill-Ewwel Qorti kien meta sabet li d-deċiżjoni sabiex saret it-talba għar-revoka tad-*detailing* ġie attwat mill-Kulleġġ u l-Prinċipal bi ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (iii) tal-Kapitolu 12.

45. **Artikolu 469A (1) (b) (iii)** jipprovdi:

> "(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:
> [...]
>
> (b) meta l-għemil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:
>
> [...]
>
> (iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
>
> [...]"

46. Azzjoni taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġieba ta' awtorità pubblika fil-

[4] Ara wkoll **T & L Holdings Limited v. Francis Busuttil & Sons Limited et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Novembru, 202 kif ukoll **Johanna Abela v. HSBC Bank Malta plc** deċiża minn din il-Qorti kif preseduta fit-12 ta' Marzu, 2024.

konfront tiegħu.[5] L-iskop wara dan l-artikolu huwa dak li jiġi mistħarreġ u eżaminat l-għemil amministrattiv mil-lenti ta' kondotta *contra ius*, *ultra vires* jew b'abbuż tal-poter.[6] Suċċess f'azzjoni bħal din twassal għat-tħassir ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva u possibbilment għall-għoti ta' ħlas għad-danni mġarrba jekk jiġi ppruvat mill-atturi li kien hemm *mala fede* min-naħa tal-konvenuti.

47. Fl-istħarriġ tal-għemil amministrattiv taħt l-Artikolu 469A (1)(b)(iii), jeħtieġ li l-Qorti tissindika jekk fit-teħid tad-deċiżjoni in kwistjoni, l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-awtorità amministrattiva in kwistjoni kienx wieħed raġonevoli.

48. Jibda biex jingħad li meta l-liġi tagħti xi setgħa partikolari f'idejn awtorità pubblika dik id-diskrezzjoni tibqa' f'idejn l-awtorità u ma ssir qatt tal-qrati. L-awtorità pubblika għandha d-dmir li taġixxi b'mod xieraq u responsabbli kif ukoll b'mod konformi u konsistenti mal-finijiet tal-liġi minn fejn tkun ġiet imnissla dik is-setgħa amministrattiva. Għalhekk id-diskrezzjoni hija xi ħaġa li trid tkun imnissla minn konsiderazzjonijiet

[5] Ara **Lawrence Borg nomine vs. Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-9 ta' Marzu, 2007 u **Carmelo sive Charles Dingli et vs. Kontrollur tad-Dwana et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2009.

[6] Ara **Joseph Muscat et vs. Chairman Awtorità tad-Djar et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-24 ta' Ġunju 2011, **Maggur Ivan Consiglio v. L-Onorevoli Prim Ministru et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar 2020 u **Mario Galea et vs. Id-Direttur, Management and Personnel Office, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Lulju 2020

rilevanti u fl-istess ħin trid tiġi applikata skont il-prinċipji tar-raġonevolezza u tal-ħaqq.

49. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità tkun imxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel (ara **TCV Management and Trust Services Limited v. Neville Aquilina noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-11 ta' April, 2024). Għalhekk il-ġudikant li jkun mgħobbi bid-dmir li jistħarreġ atti amministrattivi għandu japplika kejl u livell oġġettiv sabiex iħalli lill-awtoritajiet pubbliċi jgawdu minn firxa sħiħa ta' għażliet li l-leġislatur preżumibbilment ikun intenda jħalli f'idejhom (ara **Carmelo Dingli et v. Kontrollatur tad-Dwana et**, Appell Ċivili, 27 ta' Marzu, 2009). Filwaqt li deċiżjonijiet assurdi, kappriċċjużi u mingħajr għaqal u dehen ma jistgħux jitqiesu bħala leġittimi jew raġonevoli, mill-banda l-oħra jekk id-deċiżjoni tkun taqa' fil-konfini tar-raġonevolezza, il-Qorti m'għandiex tħassar tali deċiżjoni, anke jekk ma taqbilx magħha. (ara **MMC Consultancy Limited v. Malta Financial Services Authority** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Ottubru, 2022).[7]

---

[7] Ara wkoll **Piju Attard et v. Kunsill Lokali tal-Munxar** deċiża mill-Qorti tal-maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fid-29 ta' Frar, 2008 (mhux appellata) kif ukoll **Ganni Attard v. Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulations** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Jannar, 2016.

50. L-Ewwel Qorti sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (iii) għaliex skontha l-attur ġie assoġġettat għal azzjoni punittiva doppja :

> "Din il-Qorti tirrileva illi mill-assjem tal-provi, kif ukoll mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Gvernaturi, hija tikkonkludi illi infatti r-rikorrent għandu raġun in kwantu qed isostni illi kien qiegħed jiġi assoġġettat għal azzjoni punittiva doppja, għaliex kien qed jiġi revokat id-detailing tiegħu over and above il-penali mogħtija mill-Kummissjoni fuq deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina. Filwaqt illi huwa minnu illi jidher illi kien hemm żewġ istanzi fejn ir-rikorrent qal illi xi unit kien imur oltre l-kompetenza professjonali tiegħu, jidher illi l-Kulleġġ ħa l-opportunita' sabiex juża dawn l-istanzi u jitlob ir-revoka tad-detailing a bażi tagħhom. Mill-bqija, iżda, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konsiderazzjonijiet l-oħra meħuda, u cioe l-atteġġjament tar-rikorrent lejn l-istaff u l-Amministrazzjoni u r-rizultanza tar-rikorrent sabiex isegwi proċeduri stabbiliti, ma kellhomx jiġu indirizzati b'talba għar-revoka tad-detailing, iżda bi proċeduri dixxiplinarji, kif jidher illi effettivament saru. Se mai, waħda mill-penali kienet tikkonsisti fi twissija ta' tkeċċija għal erba' snin, penali illi l-Qorti tqis illi kellha sservi ta' deterrent suffiċjenti sabiex ir-rikorrent jaqdi dmiru qua lettur skont il-proċeduri stabbiliti mill-Kulleġġ u b'rispett lejn l-Amministrazzjoni fit-tmexxija;"

51. Jirriżulta illi wara rapport li sar mill-Kulleġġ lill-Ministeru dwar diversi nuqqasijiet da parti tal-attur, ġie mwaqqaf Bord ta' Dixxiplina *ai termini* tar-Regolament 18 tal-*Public Service Commission Disciplinary Regulations 2017* sabiex jiddeċiedi dwar l-akkużi segwenti:

A. Unprofessional and unethical behaviour which includes:
   - Failure to comply with the Code of Ethics governing the Public Service or the conduct of the public officers with reference to Section D Article 17 – 'At all times, the behaviour of a public employee whall be in such a way as not to discredit his or her position and not to reflect on the public service'
   - Conduct which is liable to discredit the Entity (MCAST), for not complying to obligations and responsibilites as a Senior Lecturer.
B. Disrespecful behaviour which includes:
   - Arrogance towards superior.
C. Neglect or dereliction of duty which includes:

- Negligence in the performance of this duties and work output below standard.
- Failure to comply with any written order, directive or instruction issued by superiors.

52. B'deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tat-3 ta' Marzu, 2021 l-attur instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu:

**"Conclusion**

**Accusation 1 – Unprofessional and unethical behaviour**

Dr Peter Gatt refused to teach the unit entitled Understanding Construction Technology and Material Science as approved by the Curriculum department and he also changes the assesement criteria without the necessary authorization ignoring the direction given by the line management and against standard procedures. Hence the Board finds him guilty on this accusation in its entirety.

**Accusation 2 - Disrespectful behaviour**

It is evident from Dr Gatt's communication with the management that he was arrogant through his comments denoting disrespect towards his superiors. Although this might be the result of irritation and frustration on Dr Peter Gatt's side, such behaviour remains unacceptable.

Hence the Board finds him guilty of this accusation.

**Accusation 3 - Neglect or dereliction of duty.**

Despite the instructions given to him by his superiors, verbally and in writing, Dr Peter Gatt failed to deliver the unit in time and to this effect the students were obliged to carry on with the lectures, with another lecturer, throughout the summer months. Furthermore, the quality and delivery of the lectures, especially the online sessions were not up to the required standard.

Hence the Board finds him guilty of this accusation.[8]

53. Wara d-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, bis-saħħa tar-Regolament 23(2)(d) tar-Regolamenti

[8] Fol. 811 et. seq.

tad-Dixxiplina, irrakkomandat lill-Prim'Ministru sabiex l-attur jingħata bħala penali:

> "a) sospensjoni għal ħmistax-il ġurnata (15) ta' xogħol mingħajr paga;
>
> b) twissija ta' tkeċċija għal erba' snin (mill-21 ta' Ġunju 2021 sal-20 ta' Ġunju 2025)."

54. Il-Prim'Ministru approva dik is-sanzjoni.

55. Mill-atti jirriżulta wkoll li fit-18 ta' Ġunju 2020 l-Bord tal-Gvernaturi tal-Kulleġġ kien ħa r-riżoluzzjoni segwenti:

> "The Board of Governors of MCAST as composed in terms of Article 92 of the Education Act ...consent and agree that the following resolution was made on: Date 18/06/2020; Sitting Number 207/M3/2020; Agenda item number: 6.9:
>
> The Bord of Governors consent to the adoption of the following, as it was adopted at a regularly called meeting of the Board of Governors in terms of Article 93(5) of the Education Act ... the Board resolves that:
>
> It is endorsing it its entirety the action taken by the MCAST management, that is to seek the revocation of detailing of Dr Gatt as his expertise at MCAST is no longer required and will be of more benefit to the Public Service.
>
> The Principal & CEO in his capacity of chairperson of the Administrative Bureau is authorized in terms of Article 97(a) of the Education Act ... to ensure that this Resolution of the Board of Governors as outlined above is actuated in an efficient and effective manner in line with correspondence legislation".

56. Dik ir-reżoluzzjoni ġiet iffirmata mill-President tal-Bord tal-Gvernaturi u mis-segretarju tal-istess Bord, kważi disa' xhur qabel ma l-attur instab ħati mill-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Għalhekk, bħala stat ta' fatt, mhux minnha l-akkuża

li l-attur jagħmel kontra l-MCAST li din talbet lill-Gvern sabiex id-*detailing* tal-attur magħha jiġi terminat wara li nstab ħati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

57. Kien biss wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku approvata mill-Prim'Ministru li t-talba tal-MCAST għat-terminazzjoni tad-*detailing* tal-attur ġiet approvata. Bejn it-talba tal-MCAST għat-terminazzjoni tad-*detailing* u l-akkoljiment tagħha mill-Ministru konvenut bl-approvazzjoni tal-Prim'Ministru kienu għaddew diversi xhur.

58. Għalhekk ma jistax jingħad, kif jallega l-attur, li l-MCAST resqet it-talba lill-Ministeru tal-Edukazzjoni għat-terminazzjoni tad-*detailing* tal-attur għaliex ma kienx irnexxielha tkeċċieh bil-proċeduri quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

59. L-iskop tar-regoli li jippermettu li mpjegat fiċ-ċivil jiġi temporanjament *detailed* ma' entità pubblika oħra huwa sabiex jinħoloq mekkaniżmu li jiffaċilità u jimmassimizza l-użu tar-riżorsi umani fiċ-ċivil a benefiċju tal-entità pubblika li magħha jiġi *detailed* uffiċjal pubbliku; u mhux kif ġara f'dan il-każ, li bl-aġir xejn etiku u abbużiv tal-attur inħolqot klima tossika u distruttiva li, kif sab il-Bord ta' Dixxiplina,

il-vittmi primarji ta' tali aġir abbużiv da parti tal-attur kienu l-istudenti tal-MCAST.

60. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti xorta waħda taqbel mal-Ewwel Qorti li t-talba tal-MCAST sabiex id-*detailing* tal-attur magħha jiġi terminat kienet motivata mill-aġir xejn etiku tal-attur li dwaru eventwalment ġie ċensurat u punit mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux, kif dikjarat fit-talba li saret mill-MCAST, li s-servizzi tal-attur ma kienux aktar meħtieġa, "as his expertise at MCAST is no longer required".[9] Taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti illi għan-nuqqasijiet tiegħu l-attur kien rinfaċjat sew bix-xilja ta' ksur tad-doveri tiegħu quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u kif ukoll bit-talba sabiex id-*detailing* tiegħu jiġi terminat. B'hekk ġie li kif ġustament sabet l-Ewwel Qorti, għall-istess nuqqasijiet l-attur ġie kastigat doppjament.

61. L-attur kien ilu jgħallem l-MCAST għal numru konsiderevoli ta' snin u għalhekk mhix konvinċenti r-raġuni mogħtija mill-Kulleġġ li ma kienx għad hemm bżonn is-servizzi tiegħu bħala lettur.

62. Tqis għalhekk dan it-tieni aggravju tal-MCAST infondat u qed tiċħdu filwaqt li tikkonferma *in parte* d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn

[9] Ara riżoluzzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST tat-18 ta' Ġunju, 2020:

iddikjarat l-għemil amministrattiv tal-MCAST li wassal għar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent konsistenti fid-deċiżjoni sabiex saret it-talba għar-revoka sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġialadarba t-talba tal-MCAST qed tiġi mħassra, jaqa' wkoll kwalunkwe għemil amministrattiv konsegwenzjali.

63. Għaldaqstant tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sew fejn ħassret id-deċiżjoni tat-terminazzjoni tad-*detailing* kif ukoll l-ordni sabiex l-attur jiġi rientigrat fl-istat li kien qabel mad-*detailing* tiegħu mal-MCAST ġie terminat.

64. Tenut kont li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti in kwantu rrevokat it-terminazzjoni tad-*detailing* tal-attur qed tiġi hawn konfermata; mhux meħtieġ li nikkunsidraw ukoll l-appell inċidentali tal-attur peress li, fiċ-ċirkostanzi, tali kunsiderazzjoni ma għandha l-ebda utilità.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet,

1. Tilqa' parżjalment l-appell tal-konvenuti l-MCAST u l-Professur Calleja, tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha safejn sabet lill-Professur Calleja leġittimu kontradittur u fejn sabet lill-Professur

Calleja ħati ta' għemil bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti; tiddikjara li l-konvenut il-Professur Joachim Calleja mhux leġittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tiċħad il-kumplament tal-appell tal-MCAST;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell inċidentali tal-attur;

4. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

5. L-ispejjeż tal-appell prinċipali jitħallsu nofs mill-attur appellat u nofs mill-konvenut appellant il-Malta College for Arts, Science and Technology.

6. L-ispejjeż tal-appell inċidentali jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb